IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.02.2012
SWD(2012) 14

**DOKUMENT TA' HIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**Dokument ta' Gwida dwar l-għajnuna mill-istat għall-finanzjament, ristrutturar u privatizzazzjoni ta' impriżi tal-Istat**

MT

MT

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**Dokument ta' Gwida dwar l-għajnuna mill-istat għall-finanzjament, ristrutturar u privatizzazzjoni ta' impriżi tal-Istat**

# WERREJ

1. Introduzzjoni ........ 3

2. Prinċipji Bażiċi ........ 3

3. Iffinanzjar ta' SOE ........ 6

4. Ristrutturar ta' SOE ........ 8

5. Privatizzazzjoni ta' SOE ........ 9

6. Konklużjonijiet ........ 14

## 1. INTRODUZZJONI

Sar jidher biċ-ċar fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali li xi impriżi Statali ("SOE" - State-owned enterprises) qed jagħmlu telf u/jew akkumulaw ammonti sinifikanti ta' dejn, li jagħmel il-vijabilità ekonomika tagħhom inċerta. Sabiex jindirizzaw il-problemi li jiltaqgħu magħhom SOE, bosta Stati Membri qed jieħdu miżuri fil-forma ta' finanzjament (pereżempju injezzjonijiet tal-kapital, kanċellar tad-djun), ristrutturar u/jew privatizzazzjoni ta' SOE, li jistgħu potenzjalment jinvolvu għajnuna mill-istat. Miżura li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ma għandhiex tiġi implimentata qabel ma tkun approvata mill-Kummissjoni. Il-kumpatibbiltà ta' miżuri ta' għajnuna mill-Istat jeħtieġ li tiġi valutata fuq il-bażi tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE").

L-għan ta' dan id-Dokument ta' Gwida huwa li jqajjem kuxjenza fl-Istati Membri kollha tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, li għandhom jiġu mħarsa meta jsir finanzjament, ristrutturar u/jew privatizzazzjoni ta' SOE, u biex jiġu provduti kjarifiki dwar il-mod li bih il-Kummissjoni tapplika l-prinċipji tal-għajnuna mill-Istat. Dan id-Dokument ta' Gwida esklussivament jirreferi għar-regoli eżistenti u każijiet individwali jiġu valutati fuq il-merti tagħhom.

Id-Dokument ta' Gwida għandu wkoll l-għan li jiċċara l-impatt li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jista' jkollhom fuq il-politiki u d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jkunu għaddejjin minn programmi ta' aġġustament ekonomiku, li kkommettew ruħhom li jnaqqsu l-piż fuq il-finanzi pubbliċi fost l-oħrajn billi jirristrutturaw u/jew jipprivatizzaw SOE. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jimplimentaw programmi kbar ta' privatizzazzjoni li jikkoordinaw mill-qrib magħha sabiex jiżguraw li kwalunkwe kwistjoni ta' għajnuna mill-Istat li tista' tfeġġ waqt l-implimentazzjoni tal-programm tiġi indirizzata b'mod sodisfaċenti fil-ħin. Dan se jgħin sabiex jiġi żgurat sakemm hu possibbli l-grad taċ-ċertezza legali u probabbilment tiġi evitata litigazzjoni li tista' tfixkel il-proċess tal-privatizzazzjoni.

Dan id-Dokument ta' Gwida huwa dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea għal skopijiet ta' informazzjoni. Ma jirrappreżentax il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni, u lanqas ma jantiċipa tali pożizzjoni. Mhuwiex intiż li jikkostitwixxi dikjarazzjoni tal-liġi u huwa mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat mill-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Sakemm ma jiġix dikjarat speċifikament, il-prinċipji mmsemmija f'dan id-Dokument ta' Gwida huma applikabbli mhux biss għall-SOE, totalment jew parzjalment proprjetà tal-Istat, iżda b'mod aktar ġenerali għal kull sehem jew parteċipazzjoni li awtorità pubblika jista' jkollha f'kumpanija, indipendentement minn jekk l-awtorità pubblika effettivament teżerċitax kontroll fuqha jew le.

## 2. PRINĊIPJI BAŻIĊI

### *Meta miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-istat?*

L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jipprovdi definizzjoni ġenerali ta' għajnuna mill-Istat, li hija magħmula mill-erba' elementi kumulattivi definiti hawn taħt:

(1) Il-miżura trid tkun ingħatat mill-Istat Membru jew permezz ta' **Riżorsi tal-Istat**.

Taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istat mhux l-amministrazzjoni ċentrali biss iżda l-livelli kollha tal-gvern (eż. reġjuni, muniċipalitajiet, eċċ). Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-impriżi pubbliċi, billi l-azzjonijiet tagħhom jistgħu f'ħafna każijiet jitqiesu bħala imputabbli lill-Istat u jistgħu jkunu involuti riżorsi tal-Istat.

Il-miżura tista' tieħu l-forma ta' trasferiment pożittiv ta' riżorsi tal-Istat (eż. self jew għotja), iżda wkoll ta' trasferiment negattiv, jiġifieri meta l-Istat iċedi dħul li normalment ikun daħħal (eż. permezz ta' eżenzjoni tat-taxxa jew kanċellar ta' dejn).

(2) Għandu jkun hemm **vantaġġ selettiv** (irid jiffavorixxi ċerti impriżi, il-produzzjoni ta' ċertu merkanzija jew il-forniment ta' ċerti servizzi).

Ir-riċevitur tal-miżura trid tkun impriża. Taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-istat, dan huwa kriterju funzjonali: dak li jgħodd huwa n-natura ekonomika tal-attività u jekk il-benefiċjarju jipprovdix oġġett jew servizz fis-suq, minflok il-forma legali tiegħu jew jekk huwiex immexxi għall-profitt jew le.

L-Artikolu 107 tat-TFUE et seq. dwar l-għajnuna mill-istat japplika mingħajr differenza kemm għall-impriżi privati kif ukoll għal dawk pubbliċi. Dan jirriżulta mill-Artikolu 345 tat-TFUE, li jonqox il-prinċipju tan-newtralità fir-rigward tas-sistema tas-sjieda tal-proprjetà, kif ukoll mill-każistika tal-Qrati tal-UE, li rrikonoxxew ukoll il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn intrapriżi pubbliċi u dawk privati.

Il-miżura tagħti vantaġġ lill-impriża benefiċjarja meta tipprovdi benefiċċju finanzjarju jew kummerċjali li din l-impriża ma kinitx tkun kapaċi tikseb fis-suq (tipikament minħabba li l-Istat ipprovda l-benefiċċju bla ħlas jew b'remunerazzjoni insuffiċjenti). L-imġiba normali tas-suq hija r-referenza użata fl-evalwazzjoni tat-tipi kollha tat-tranżazzjonijiet ekonomiċi li jidħlu fihom l-awtoritajiet pubbliċi. Sabiex jidentifikaw x'jikkostitwixxi imġiba normali tas-suq, il-Kummissjoni tapplika t-test tal-Prinċipju ta' Investitur fl-Ekonomija tas-Suq, li huwa spjegat aktar fit-taqsima 5.

Il-vantaġġ irid ikun ukoll selettiv, jiġifieri irid jiffavorixxi ċerti impriżi, reġjuni u/jew attivitajiet ekonomiċi għad-detriment ta' oħrajn. Ta' min wieħed jinnota li miżura li hija formalment newtrali (jiġifieri fuq il-karta hija miftuħa għal kulħadd) fil-prattika tista' tkun selettiva jekk fl-aħħar mill-aħħar tapplika biss għal ċerti impriżi.

(3) Irid ikun hemm (potenzjal għal) **tfixkil fil-kompetizzjoni**.

Jekk miżura pprovduta mill-Istat isaħħaħ (jew tkun kapaċi ssaħħaħ) is-sitwazzjoni kompetittiva tal-impriża benefiċjarja mqabbla ma' dik tal-kompetituri tagħha, allura l-kompetizzjoni hija kkunsidrata li qed tiġi mfixkla. Skont it-TFUE, li jistabbilixxi li l-miżura trid tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni, l-ebda tfixkil attwali tal-kompetizzjoni mhu meħtieġ.

(4) Għandu jkun hemm **effett fuq il-kummerċ** bejn l-Istati Membri.

Dan il-kriterju ġie wkoll interpretat b'mod wiesa' mill-Qrati tal-UE. Tabilħaqq, huwa biżżejjed li l-impriża benefiċjarja tinnegozja oġġett jew servizz li jista' jiġi nnegozjat bejn l-Istati Membri. Fi ħdan din it-tifsira, miżura tista' wkoll taffettwa l-kummerċ anke jekk l-impriża reċipjenti mhix involuta fil-kummerċ intra-UE.

F'każ li miżura tissodisfa l-erba' kriterji kumulattivi, dan ikun jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, li fil-prinċipju hija pprojbita mill-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Madankollu, l-Artikoli 107(2) u (3) tat-TFUE jistabbilixxu għadd ta' kondizzjonijiet li taħthom l-għajnuna mill-Istat tista' titqies kompatibbli mas-suq intern u għalhekk tista' tiġi awtorizzata mill-Kummissjoni (li għandha kompetenza esklussiva li tiddikjara għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern). Fuq il-bażi ta' dawn l-Artikoli l-Kummissjoni ħarġet strumenti dettaljati u dokumenti ta' gwida sabiex tiċċara l-kriterji li tapplika meta tivvaluta l-kumpatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat[1].

***Punti ewlenin dwar il-proċeduri ta' għajnuna mill-Istat quddiem il-Kummissjoni***

- Il-miżuri kollha ta' għajnuna mill-Istat (miżuri individwali u skemi ta' għajnuna) għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni u m'għandhomx jidħlu fis-seħħ qabel ma l-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni li tawtorizzhom ("l-obbligu ta' waqfien totali")[2]. L-għajnuna kollha implimentata qabel l-approvazzjoni tal-Kummissjoni hija meqjusa bħala għajnuna illegali u jista' jkollha tiġi rkuprata mir-reċipjent bl-interessi.

- Ladarba miżura tkun notifikata, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn. Dan il-limitu ta' żmien jibda jgħodd ladarba n-notifika tkun kompluta u l-Kummissjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni kollha meħtieġa.

- Meta n-notifika tkun kompluta, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi (i) li l-miżura mhix għajnuna, (ii) li hija għajnuna, iżda kumpatibbli mas-suq intern (u hija għalhekk awtorizzata), jew (iii) li għandha dubji li l-għajnuna hija kumpatibbli mas-suq intern u tiddeċiedi li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali.

- Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, hija twettaq valutazzjoni dettaljata tal-miżura u r-raġunijiet possibbli għall-kumpatibbiltà. Il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali ma tippreġudikax id-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni. M'hemm l-ebda limitu ta' żmien li jorbot il-proċedura ta' investigazzjoni formali, għalkemm il-Kummissjoni għandha tipprova kemm jista' jkun tadotta deċiżjoni f'perjodu ta' 18-il xahar mill-ftuħ tal-proċedura[3].

- Investigazzjoni formali tingħalaq permezz ta' deċiżjoni finali tal-Kummissjoni li tistabbilixxi (i) jekk il-miżura hijiex għajnuna mill-Istat, u jekk iva, (ii) jekk hijiex inkompatibbli mas-suq intern u tista' tiġi implimentat bla problemi, jew (iii) jekk hijiex inkompatibbli u m'għandhiex tiġi implimentata (jekk diġà implimentata, il-Kummissjoni normalment tordna lill-Istat Membru biex jirkupra l-għajnuna mingħand il-benefiċjarju).

---

[1] Ir-regoli kollha jinsabu fis-sit http://ec.europa.eu/competition/state_aid/legislation/legislation.html.

[2] Madankollu hemm xi eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' notifika minn qabel. Ara pereżempju r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċerti kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali (ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta'Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' ħajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni fl-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat – Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3).

[3] Ara l-Artikolu 7(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1). Dan il-limitu ta' żmien jista' jkun estiż bi ftehim komuni bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra ilmenti mill-kompetituri, iċ-ċittadini, eċċ., dwar kwistjonijiet ta' għajnuna mill-istat potenzjali u tista' wkoll tibda investigazzjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess. Għalhekk, jekk xi miżura ta' appoġġ ma tiġix notifikata lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni qabel ma' din tingħata, hemm riskju ċar ta' litigazzjoni u problemi potenzjali fl-implimentazzjoni tal-miżura mogħtija peress li tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali. Għandu jiġi nnutat ukoll li qorti nazzjonali li tiġi mitluba (pereżempju, minn kompetitur) biex tivvaluta jekk miżura tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat tista' tordna li l-miżura tiġi annullata jew sospiża, u li l-għajnuna tiġi rkuprata[4].

> Il-Kummissjoni introduċiet ukoll **proċedura speċifika ta' prenotifika**, li timmira li tgħin lill-Istati Membri b'mod informali biex jippreparaw in-notifiki tagħhom. Din il-proċedura tista' wkoll tintuża mill-Istati Membri jekk ifittxu parir biex jiddeterminaw jekk miżura għandhiex tkun ikkunsidrata għajnuna mill-Istat jew le. Il-prenotifikazzjonijiet jitwettqu **informalment** filwaqt li tiġi rispettata l-**kunfidenzjalità**.

## 3. IFFINANZJAR TA' SOE

L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu finanzjament lil SOE fil-kuntest tal-proċessi ta' ristrutturar/privatizzazzjoni. F'dan il-każ, miżuri pprovduti fuq termini tas-suq u b'redditu li jkun sodisfaċenti għal sid/investitur privat fl-istess industrija ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat u ma għandhomx għalfejn jiġu notifikati. Dan ma jkunx il-każ meta jingħata kapital ġdid f'ċirkostanzi li ma jkunux aċċettabbli għal investitur privat li jopera taħt il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq. Pereżempju, (i) fejn il-qagħda finanzjarja tal-kumpanija, u b'mod partikolari l-istruttura u l-volum tad-djun tagħha, jkunu tali li wieħed ma jistax jistenna redditu normali (f'dividendi u qligħ kapitali) fi żmien raġonevoli mill-investiment kapitali; (ii) fejn, minħabba l-fluss inadegwat tal-flus tagħha jew għal xi raġuni oħra, il-kumpanija ma tkunx kapaċi tkun f'pożizzjoni li tiġbor il-fondi meħtieġa għal programm ta' investiment fis-swieq kapitali; (iii) fejn l-azjenda hija waħda għal żmien qasir, b'perjodu taż-żmien u prezz tal-bejgħ iffissati bil-quddiem, u għalhekk ir-redditu lill-provveditur tal-kapital huwa konsiderevolment inqas milli wieħed jistenna minn investiment ta' kapital fis-suq għal perjodu simili; jew (iv) fejn l-impriża tal-awtoritajiet pubbliċi tinvolvi akkwiżizzjoni jew kontinwazzjoni ta' parti mill-operazzjoni non-vijabbli jew l-operazzjonijiet non-vijabbli kollha ta' kumpanija f' diffikulta permezz tal-formazzjoni ta'entità legali ġdida.

Għal dawk il-miżuri ta' appoġġ li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat, hemm għadd ta' raġunijiet li fuqhom l-għajnuna tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-suq intern. Huwa lil hinn mill-iskop ta' dan id-Dokument ta' Gwida li jiġbor fil-qosor il-bosta raġunijiet ta' kompatibilità, għalkemm dawn li ġejjin jidhru potenzjalment validi fil-kuntest ta' programmi ta' aġġustament ekonomiku: għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar[5], għajnuna reġjonali[6], għajnuna għat-taħriġ[7], għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u

---

[4] Ara l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-infurzar tal-liġi tal-għajnuna mill-Istat mill-qrati nazzjonali, ĠU C 85, 09.04.2009, p. 1. L-Avviż iservi ta' gwida dwar rimedji possibbli kontra l-ksur tal-obbligu ta' waqfien totali, bħal ħlas lura ta' għajnuna illegali, talbiet għad-danni, miżuri interim jew pagament ta' interessi. Huwa jistabbilixxi wkoll żewġ mekkaniżmi ta' konsultazzjoni għall-qrati nazzjonali, li jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni għal informazzjoni fil-pussess tagħha u/jew għall-opinjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat.

[5] Ara il-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' azjendi f'diffikultà, (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2).

l-innovazzjoni[8], eċċ. fejn dawk ir-raġunijiet għall-kompatibilità ma jintlaħqux, il-finanzjament ta' SOE fil-prinċipju jkun jinvolvi għajnuna mill-Istat inkompatibbli.

Regoli partikolari japplikaw għall-finanzjament tas-servizzi pubbliċi, identifikati fit-Trattati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ("SIEĠ"). Is-SIEĠ huma attivitajiet ekonomiċi li l-awtoritajiet pubbliċi jidentifikaw bħala ta' importanza partikolari għaċ-ċittadini u li ma jiġux provduti (jew jiġu provduti taħt kondizzjonijiet differenti) jekk ma jkunx hemm intervent pubbliku[9]. Il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha *Altmark* elenkat il-kundizzjonijiet kumulattivi li taħthom il-kumpens għall-forniment ta' SIEĠ ma jikkostitwix għajnuna mill-Istat[10]. Il-Pakkett il-ġdid tas-SIEĠ, adottat mill-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2011, jikkjarifika l-kundizzjonijiet li taħthom l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku tista' titqies kompatibbli mar-regoli tal-UE[11].

Sabiex tiġi stabbilita l-preżenza jew l-assenza ta' kumpens żejjed, id-Direttiva dwar it-Trasparenza[12] tipprovdi li l-kumpaniji li jirċievu kumpens u li joperaw kemm servizzi pubbliċi kif ukoll fi swieq oħra għandhom iżommu kontijiet separati għall-attivitajiet differenti tagħhom. Fil-każ ta' impriżi pubbliċi – definiti fid-Direttiva dwar it-Trasparenza bħala impriżi li fuqhom l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jeżerċitaw influwenza dominanti direttament jew indirettament – l-Istati Membri jridu jiżguraw trasparenza fir-rigward tal-fondi pubbliċi magħmula disponibbli lil dawn l-impriżi u l-użu li għalihom jintużaw verament dawn il-fondi. Dan ir-rekwiżit tat-trasparenza japplika partikolarment għat-tpaċija tat-telf tal-operat, il-

---

6 Ara b'mod partikolari l-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007-2013, ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.

7 Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat għat-taħriġ soġġetta għal notifika individwali, (ĠU C 188, 11.8.2009, p. 1.

8 Ara l-Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1.

9 Is-SIEĠ ivarjaw minn servizzi kummerċjali kbar (industriji ta' netwerks bħas-servizzi postali, il-forniment tal-elettriku, is-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika jew is-servizzi tat-trasport pubbliku) għal firxa wiesgħa ta' servizzi sanitarji u soċjali (pereżempju s-servizzi ta' kura għall-anzjani u għall-persuni b'diżabbiltà).

10 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24.7.2003 fil-każ C-280/00, *Altmark Trans GmbH* [2003] ECR I-7747. Kumpens għall-provvediment ta' SIEĠ ma jammontax għal għajnuna mill-istat minħabba n-nuqqas ta'vantaġġ – u għalhekk mhux soġġett għal notifika minn qabel u approvazzjoni mill-Kummissjoni – jekk jiġu sodisfatti l-erba' kundizzjonijiet kumulattivi: (i) iIl-benfiċjarju għandu jkun fdat b'missjoni ta' servizz pubbliku ddefinita b'mod ċar; (ii) il-parametri biex jiġu kkalkulati l-ħlasijiet ta' kumpens għandhom jiġu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti; (iii) il-kumpens ma jistax jaqbeż il-kostijiet imġarrba fl-għoti tas-servizz pubbliku wara li jitnaqqas id-dħul mill-provvediment tas-servizz flimkien ma' profitt raġonevoli; u (iv) il-benefiċjarju jintgħażel f'offerta pubblika jew inkella il-kumpens ma jaqbiżx il-kostijiet ta' impriża mmexxija b'mod tajjeb li hija mgħammra b'mod xieraq bil-mezzi biex tipprovdi s-servizz pubbliku.

11 Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea regoli għal kumpens mogħti għall-provvista ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) [TFUE] għal għajnuna mill-Istat taħt forma ta' kumpens għal servizzi pubbliċi mogħtija lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3; u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Qafas tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku, ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15.

12 Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17).

provvediment tal-kapital, għotjiet li ma jitħallsux lura, jew self b'termini privileġġjati, l-irrinunzjar ta' redditu normali għall-fondi pubbliċi li jintużaw u kumpens għal piżijiet finanzjarji imposti mil-awtoritajiet pubbliċi.

## 4. Ristrutturar ta' SOE

F'ċerti każijiet, l-Istati Membri jistgħu jfittxu li jimmassimizzaw id-dħul li jirriżulta minn privatizzazzjoni permezz ta' ristrutturar tal-kumpanija fil-mira, sabiex jiżdied l-interess fost ix-xerrejja potenzjali. Għalhekk, sommarju qasir tar-regoli prinċipali dwar l-għajnuna għar-ristrutturar jidher xieraq fil-kuntest ta' privatizzazzjoni ta' SOE.

Bħala prinċipju ġenerali, l-għajnuna mill-Istat tista' tiġi eskluża fil-kuntest tar-ristrutturar jekk il-miżuri huma pprovduti bil-kundizzjonijiet tas-suq, jiġifieri jekk il-miżuri kienu jkunu kummerċjalment razzjonali għal sidien/kredituri privati tad-ditta f'ċirkustanzi simili. Jekk l-għajnuna mill-Istat ma tkunx tista' tiġi eskluża b'mod ċar, imbagħad notifika u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni huma meħtieġa qabel ir-ristrutturazzjoni tiġi implimentata. Il-Kummissjoni tevalwa l-kumpatibbiltà tal-miżura fuq il-bażi tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà ("Il-Linji Gwida R&R")[13].

Sabiex tkun eliġibbli għal għajnuna għar-ristrutturar, l-impriża benefiċjarja trid tkun "**ditta f'diffikultà**" fis-sens tal-punti 9 sa 13 tal-Linji Gwida R&R. Fil-qosor, kumpanija f'diffikultà hija kumpanija li mhix kapaċi, kemm permezz tar-riżorsi tagħha jew bil-fondi li tkun tista' tikseb mill-proprjetarju tagħha/azzjonisti jew mill-kredituri, li twaqqaf it-telf li mingħajr intervent estern minn awtoritajiet pubbliċi kważi ċertament ser iwassalha biex, tul perjodu qasir jew medju ta' żmien, tfalli.

L-għajnuna trid tkun kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturazzjoni bil-għan li **jirkupra l-vijabbiltà fit-tul** tal-benefiċjarju fuq il-bażi ta' suppożizzjonijiet realistiċi u fi żmien raġonevoli. L-impriża benefiċjarja għandha tabbanduna dawk l-attivitajiet li jkomplu jwasslu għal telf strutturali anke wara r-ristrutturar. Il-Kummissjoni trid tawtorizza l-pjan ta' ristrutturazzjoni qabel ma jiġi implimentat.

L-għajnuna trid tiġi **limitata għall-minimu** neċessarju. Il-benefiċjarju ser ikun mistenni jipprovdi kontribuzzjoni sinjifikanti għar-ristrutturar mir-riżorsi tiegħu stess jew minn finanzjament estern bil-kundizzjonijiet tas-suq. Tali kontribuzzjoni trid tkun konkreta, jiġifieri reali, teskludi l-profitti futuri mistennija bħall-fluss tal-flus u trid tkun għolja kemm jista' jkun. Id-daqs ta' kontribuzzjoni proprja għal ditti kbar normalment għandu jammonta għal mill-anqas 50% tal-kostijiet tar-ristrutturazzjoni[14].

Importanti wkoll li l-**miżuri kumpensatorji** se jkunu wkoll meħtieġa sabiex jiżguraw li l-kompetizzjoni kemm jista' jkun ma tiġix imfixkla mill-fatt li l-għajnuna tippermetti li d-ditta tibqa' tinnegozja. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu l-bejgħ tal-assi, tnaqqis fil-kapaċità jew fil-

[13] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna nru 5 Minkejja li taħt il-Linji Gwida R&R għajnuna għas-salvataġġ (fil-forma ta' assistenza temporanja u riversibbli) hija wkoll possibbli, jidher improbabbli li tkun partikolarment rilevanti għal SOE.

[14] Għall-impriżi żgħar għandha tkun mill-inqas 25%, u għal impriżi medji mill-inqas 40%. Għat-tipi kollha ta' impriżi, il-Kummissjoni tista' taċċetta kontribuzzjoni aktar baxxa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u f'każijiet ta' tbatija partikolari, li għandu jiġi provati mill-Istat Membru.

preżenza fis-suq, tnaqqis fil-barrieri tad-dħul fis-suq, eċċ[15], u jiddependi fuq il-każ speċifiku kkonċernat u d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni identifikati. Madankollu, din il-kundizzjoni normalment ma tapplikax għal impriżi żgħar, minħabba li wieħed jista' jassumi li għajnuna ad hoc lil impriżi żgħar normalment ma tfixkilx il-kompetizzjoni sa grad kuntrarju għall-interess komuni[16]. Kanċellar tad-dejn u l-waqfien tal-attivitajiet li jagħmlu telf li fi kwalunkwe każ ser ikun meħtieġ biex terġa' tiġi stabbilita l-vijabbiltà ma jikkwalifikawx bħala miżuri kompensatorji.

Finalment, il-prinċipju ta' "**darba waħda, l-aħħar darba**" għandu jiġi rispettat: għajnuna għar-ristrutturazzjoni ma tistax tingħata lil impriża li bbenefikat minn għajnuna għar-ristrutturar fl-10 snin preċedenti.

Il-bejgħ ta' SOE jista' jikkontribwixxi biex jagħmel għajnuna għar-ristrutturar kompatibbli, sakemm il-parti li qed takkwista tipprovdi finanzjament ġdid lill-kumpanija. Finanzjament bħal dan jista' juri l-fiduċja tas-suq għar-restawr tal-vijabbiltà fit-tul tal-kumpanija. Normalment dan jista' jitqies bħala "kontribut reali" fis-sens tal-punt 43 tal-Linjigwida R&R.

Għalkemm il-prinċipji ġenerali tal-għajnuna għar-ristrutturazzjoni japplikaw għas-setturi kollha tal-ekonomija, regoli u kundizzjonijiet partikolari japplikaw għar-ristrutturar ta' impriżi agrikoli[17], tas-sajd[18], finanzjarji[19], u fis-setturi tat-trasport[20].

## 5. Privatizzazzjoni ta' SOE

Kif spjegat hawn fuq, l-imġiba normali tas-suq hija r-referenza użata għall-valutazzjoni tal-azzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi meta involuti fi tranżazzjonijiet ekonomiċi. Dan il-prinċipju ġenerali japplika wkoll għall-privatizzazzjonijiet: sabiex il-privatizzazzjonijiet ma jiggħux kkunsidrati li jinvolvu għajnuna mill-Istat, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jiżguraw li huma magħmula fuq termini tas-suq u li ma jingħata ebda vantaġġ (tipikament fil-forma ta' dħul ċert) lix-xerrej u/jew lill-impriża mibjugħa. Dan huwa partikolarment il-każ għal kumpaniji b'ħafna dejn, li għalihom il-likwidazzjoni hija għażla plawżibbli.

---

15 F'żoni eliġibbli għall-għajnuna reġjonali taħt l-Artikoli 107(3)(a) u (c) tat-TFUE, il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-għajnuna jistgħu jkunu inqas stretti rigward l-implimentazzjoni ta' miżuri kumpensatorji u d-daqs tal-kontribuzzjoni proprja tal-benefiċjarju. Ara l-punti 55 u 56 tal-Linji gwida R&R.

16 Ara l-punt 41 tal-Linji gwida R&R.

17 Ara partikolarment il-Kapitolu 5 tal-Linji gwida R&R kif ukoll il-Linji gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u l-forestrija – 2007 sa 2013, ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.

18 Il-Linji gwida għall-eżaminazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat lis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, ĠU C 84, 3.4.2008, p. 10.

19 Ara b'mod partikolari il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni ta' miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, ĠU C 095, 19.8.2009, p. 9. Innota li din il-Komunikazzjoni, kif ukoll il-bqija tal-komunikazzjonijiet adottati għas-settur finanzjarju bi tweġiba għall-kriżi finanzjarja u ekonomika, jikkostitwixxu regoli temporanji u għandhom bażi legali differenti mil-Linji gwida R&R, jiġifieri l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE.

20 Ara pereżempju l-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat lill-impriżi ferrovjarji, ĠU C 184, 22.7.2008, p. 13, jew il-linjigwida dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE li għajnuniet mill-Istat fis-settur tal-avjazzjoni, ĠU C 350, 10.12.1994, p. 5.

Sabiex tidentifika jew teskludi l-preżenza tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tiddependi fuq l-hekk imsejjaħ test ta' Prinċipju tal-Investitur tal-Ekonomija tas-Suq (MEIP). Sabiex jiddetermina jekk ingħatax vantaġġ u d-daqs tiegħu, wieħed għandu jqabbel l-azzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi ma' dak li jagħmel operatur normali fis-suq fl-istess ċirkostanzi[21]. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-MEIP, huma biss dawk il-kostijiet li kienu jkunu mħallsa mill-operatur privat mqiegħed fl-istess sitwazzjoni li jiġu kkunsidrati u mhux kostijiet jew telf li l-Istat ikollu jagħmel bħala awtorità pubblika[22].

Jekk it-test juri li l-operatur tas-suq normali kien jagħmel l-istess bħall-Istat, f'dak il-każ il-preżenza ta' vantaġġ tista' tiġi eskluża u għalhekk l-ebda għajnuna mill-Istat ma hija involuta. Meta l-Istat jinvesti f'kumpanija konġuntament (f'konkomitanza) ma' investitur privat f'ċirkustanzi kumparabbli u taħt l-istess termini u kondizzjonijiet, dan jipprovdi evidenza qawwija li t-test tal-MEIP huwa sodisfatt. Madankollu huwa meħtieġ li l-investiment tal-operatur privat ikun sinifikanti u li l-imġiba tiegħu ma tkunx influwenzata mill-kondotta tal-Istat.

Fil-kuntest tal-privatizzazzjoni, l-MEIP jissarraf fil-Prinċipju tal-Bejjiegħ f'Ekonomija tas-Suq (MEVP), jiġifieri s-suppożizzjoni li bejjiegħ privat li biħsiebu jbigħ il-kumpanija tiegħu jagħmel dan għall-ogħla prezz possibbli u mingħajr ma jimponi kundizzjonijiet li jkunu responsabbli li jnaqqsu l-prezz. Meta jbigħ (l-assi) kumpanija pubblika, l-Istat Membru – sabiex tkun eskluża l-preżenza tal-għajnuna mill-Istat – għandu fil-prinċipju wkoll jaġixxi bħala bejjiegħ f'ekonomija tas-suq, fejn ifittex li jimmassimizza d-dħul (jew jimminimizza t-telf) mill-bejgħ. Jekk l-Istat Membru jaġixxi b'mod differenti, il-privatizzazzjoni tista' tinvolvi telf tar-riżorsi tal-Istat għall-benefiċċju tax-xerrej jew tal-kumpanija privatizzata, li preżumibbilment tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

*Miżuri preparatorji biex jiffaċilitaw il-privatizzazzjoni sussegwenti ta' SOE*

Sabiex il-kumpanija tkun aktar interessanti għal xerrejja potenzjali, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li "jnaddfu" jew jirristrutturaw il-parti tal-assi u/jew il-parti tal-obligazzjonijiet tal-karta tal-bilanċ tal-kumpanija. Dawn il-miżuri preparatorji għall-privatizzazzjoni ta' SOE bosta drabi jinvolvu l-għajnuna mill-Istat, possibbilment fil-forma ta' għajnuna għar-ristrutturar (ara s-sezzjoni 4) jew purament bħala miżuri finanzjarji mingħajr ebda bidliet li jakkumpanjawhom fin-negozju tad-ditta jew fil-mudell ta' governanza korporattiva (ara t-taqsima 3). Partikolarment, tħassir ta' dejn tal-Istat, konverżjoni ta' dejn għal ekwità/assi u żidiet fil-kapital qabel il-privatizzazzjoni jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat jekk ma jsegwux l-MEIP kif spjegat hawn fuq.

Madankollu, ma jistax jiġi eskluż mill-bidu li l-awtoritajiet pubbliċi jipprovdu appoġġ fuq termini tas-suq, biex hekk tiġi eskluża l-għajnuna mill-Istat minħabba li t-test tal-MEIP ikun intlaħaq. Pereżempju, fil-każ ta' privatizzazzjoni minn Offerta Pubblika Inizjali. ("IPO") jew tal-bejgħ tal-ishma fil-borża, id-dejn jista' jiġi kkanċellat jew imnaqqas mingħajr ma dan

[21] Innota li l-preżenza jew l-assenza ta' suq li ma jiffunzjonax jew il-falliment tas-suq (eż. prezzijiet imnaqqsa temporanjament minħabba esternalitajiet negattivi u l-evitar ta' riskju eċċessiv) hija irrelevanti għad-determinazzjoni tal-preżenza jew l-assenza ta' għajnuna. Madankollu, fallimenti tas-suq jew ġustifikazzjonijiet potenzjali tal-għajnuna oħra jistgħu jitqiesu meta tittieħed deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna.

[22] L-esternalitajiet pożittivi potenzjali tal-miżura mhumiex rilevanti għall-valutazzjoni tal-preżenza ta' għajnuna (li tiffoka fuq il-preżenza ta' vantaġġ selettiv lid-ditta). Madanakollu jistgħu jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna sussegwentement.

jagħti lok għall-għajnuna mill-Istat fil-każ speċifiku fejn id-dħul mill-offerta tas-suq jaqbeż it-tnaqqis fid-dejn.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-miżuri implimentati mill-Polonja għal *PZL Hydral* (C 40/2008) fiha eżempju ta' arranġament tad-dejn u privatizzazzjoni.

Il-miżuri inkludew s-saldui ta' djun antiki mill-kredituri pubbliċi taħt il-kondizzjoni ta' bejgħ tal-assi ordnat ta' PZL Hydral, fejn il-Kummissjoni ntalbet tapplika *ex post* il-Prinċipju tal-Kreditur ta' Ekonomija tas-Suq[23]. Wara li eżaminat ix-xenarju kontrofattwali ta' falliment ordinarju, bil-kunsiderazzjoni tal-klassifikazzjoni u l-kollateral ta' kredituri pubbliċi, il-Kummissjoni kkonkludiet li "*kull kreditur pubbliku [...] imur aħjar fil-każ tal-bejgħ tal-assi kollha ta' PZL Hydral, jiġifieri jirkupra proporzjon ogħla ta' obbligazzjonijiet pendenti tiegħu, milli f'xenarju ta' falliment li jwassal għal-likwidazzjoni*".

Barra minn hekk, PZL Wroclaw, impriża assoċjata, ingħatat self mis-sid pubbliku tagħha. Minħabba li d-diffikultajiet tal-impriża għamlu l-ħlas lura inċert, is-sid/kreditur iddeċieda li jaqleb is-self f'ekwità, bil-għan li jipprivatizza l-kumpanija u jirkupra parti mid-dejn. Filwaqt li qieset il-prezz miksub permezz tal-bejgħ tal-impriża, il-Kummissjoni kkonkludiet li kreditur "*ma setax raġonevolment jistenna li jirkupra aktar mit-talbiet tiegħu taħt proċeduri ta' falliment*". Għalhekk il-qalba tad-dejn f'ekwità tqieset konformi mas-suq.

***Il-proċess tal-bejgħ għal entitajiet, ishma, drittijiet, propjetà, u art***

It-XXIII Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni[24] jipprovdi gwida dwar kif il-Kummissjoni tinterpreta l-kundizzjonijiet li taħthom l-Istat jista' jitqies li jaġixxi bħala bejjiegħ f'ekonomija tas-suq fil-kuntest tal-privatizzazzjonijiet.

Meta l-privatizzazzjoni hija effettwata permezz ta' IPO jew **bejgħ tal-ishma fil-borża**, ġeneralment jiġi preżunt li hija skont il-kundizzjonijiet tas-suq (minħabba li l-prezz ikun il-prezz tas-suq) u li ma tinvolvix għajnuna mill-Istat. Għalhekk, m'hemmx obbligu li l-Kummissjoni tiġi notifikata bil-quddiem bl-operazzjoni. Madankollu, dan il-metodu mhux dejjem applikabbli, u fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u ekonomika bħal dik attwali, jista' jwassal għal livell baxx ta' valutazzjoni tal-kumpanija li se tiġi privatizzata.

Meta kumpanija tiġi pprivatizzata permezz ta' **bejgħ kummerċjali**, jiġifieri bejgħ tal-kumpanija b'mod sħiħ jew f'partijiet lil kumpaniji oħra **barra l-borża**, il-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin għandhom ikunu osservati biex jeskludu, mingħajr eżaminazzjoni ulterjuri, il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat u għalhekk notifika minn qabel lill-Kummissjoni:

- Għandha ssir sejħa għall-offerti kompetittiva li hija miftuħa, trasparenti u mhux kondizzjonali fuq it-twettiq ta' atti oħra bħall-akkwist ta' assi għajr dawk offerti jew it-tkomplija tal-operazzjoni ta' ċerti negozji;

---

[23] It-test tal-MEIP jeħtieġ li jsir ukoll meta l-Istat jaġixxi fil-kapaċità ta' kreditur u mbagħad jissejjaħ il-Prinċipju ta' Kreditur ta' Ekonomija tas-Suq (MECP).

[24] Disponibbli fis-sit http://bookshop.europa.eu/is-bin/INTERSHOP.enfinity/WFS/EU-Bookshop-Site/en_GB/-/EUR/ViewPublication-Start?PublicationKey=CM8294650.

- Il-kumpanija/l-assi għandhom jinbiegħu lil min joffri l-aktar; kif ukoll

- Dawk li jagħmlu l-offerta jridu jingħataw biżżejjed żmien u informazzjoni sabiex iwettqu valutazzjoni xierqa tal-assi bħala l-bażi għall-offerta tagħhom.

Jekk il-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ma jiġux imħarsa, il-privatizzazzjonijiet imwettqa b'bejgħ kummerċjali jridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni. Dan jiġri partikolarment fil-każ ta' (i) bejgħ wara negozjar ma' xerrej prospettiv wieħed jew numru ta' offerenti magħżula; (ii) bejgħ preċedut minn kanċellar tad-dejn mill-Istat, intrapriżi pubbliċi oħrajn jew kwalunkwe korp pubbliku, u bejgħ preċedut minn konverżjoni tad-dejn f'ekwità jew żidiet kapitali (ara t-taqsima hawn fuq dwar miżuri preparatorji); u (iii) bejgħ, fuq kundizzjonijiet li m'humiex normali fi tranżazzjonijiet komparabbli bejn partijiet privati.

Fil-każijiet kollha, ma jrid ikun hemm l-ebda diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità ta' xerrejja prospettivi tal-ishma jew l-assi.

| |
|---|
| Sabiex jimminimizzaw ir-riskju li jkun hemm għajnuna mill-Istat, il-privatizzazzjonijiet għandhom jitwettqu – fejn possibbli – permezz **tal-bejgħ tal-ishma fil-borża**. Alternattivament, il-metodu ppreferut huwa **sejħa għall-offerti kompetittiva li hija miftuħa, trasparenti u mingħajr kundizzjonijiet**, fejn l-ogħla offerent jirċievi l-assi/il-kumpanija. |

Is-sejħa għall-offerti kompetittiva trid tkun **ppubbliċizzata tajjeb**, jiġifieri trid tiġi rreklamata tul perjodu twil raġonevoli fl-istampa nazzjonali, gazzetti tal-propjetà u/jew pubblikazzjonijiet oħra xierqa. Jekk il-privatizzazzjoni tista' tattira investituri li joperaw fuq skala Ewropea jew internazzjonali, l-offerta għandha tkun notifikata f'dawk il-pubblikazzjonijiet li jiċċirkolaw internazzjonalment b'mod regolari. Dawn l-offerti għandhom jiġu notifikati lill-aġenti li għandhom klijenti kemm mill-Ewropa kif ukoll internazzjonali.

L-offerta se titqies **bla kundizzjonijiet** meta kwalunkwe xerrej, irrispettivament minn jekk għandhux negozju jew le tal-istess natura, ikun ġeneralment liberu li jakkwista l-assi jew il-kumpanija u biex jużaha għall-għanijiet tiegħu. Skont prattika stabbilita sew tal-Kummissjoni kkonfermata mill-ġurisprudenza[25], l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet marbuta mal-bejgħ ta' kumpanija li operatur tas-suq ma kienx kieku jimponi tiġġustifika preżunzjoni li l-għajnuna mill-Istat tista' tkun involuta. Bejjiegħ f'ekonomija tas-suq normalment ibigħ il-kumpanija tiegħu għall-ogħla prezz mingħajr ma jimponi kundizzjonijiet li jwaqqgħu l-prezz. Jeħtieġ li jintwera fuq bażi ta' każ b'każ li l-kundizzjonijiet imposti fuq l-akkwirent ma jirriżultawx f'għajnuna mill-Istat.

Pereżempju, jistgħu jiġu imposti kundizzjonijiet sabiex jiġu evitati offerti purament spekulattivi jew biex jiżguraw ħlas sigur. L-eżistenza ta' tali kundizzjonijiet hija irrilevanti mill-perspettiva tal-għajnuna mill-Istat u ma tagħmilx offerta kondizzjonali. Barraminnhekk, il-kundizzjonijiet għall-prevenzjoni tal-inkonvenjenza pubblika jew għal raġunijiet ta' ħarsien

[25] Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25.3.1992 fil-każ C 29/1990 (ex NN 88/1989), *Intelhorce SA – Spanja*, ĠU L 176, tat-30.6.1992, p. 57; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ C 38/1992, *Alumix – L-Italja*, ĠU C 288, 1.10.1996 p. 4; u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8.9.1999 fil-każ C 73/1997, *Stardust Marine – Franza*, ĠU L 206, 15.8.2000, p. 6. Il-Qorti tal-Ġustizzja approvat dan il-prinċipju fil-Każijiet konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92, *Spanja v Il-Kummissjoni*, [1994] ECR I-4103, para.28.

ambjentali ma tagħmilx offerta kundizzjonali jekk huma sempliċiment jeħtieġu konformità ma' obbligi eżistenti stipulati fil-liġi.

Min-naħa l-oħra, offerta titqies kondizzjonali (u għalhekk tista' tinvolvi għajnuna mill-Istat) jekk tiddevja mill-aħjar prattiċi billi artifiċjalment tirrestrinġi n-numru ta' xerrejja potenzjali, tidderieġi l-bejgħ favur xi wieħed minnhom jew tiddiskrimina bejn strateġiji differenti ta' negozju. Pereżempju, sejħa għall-offerti li tinkludi l-kundizzjoni li tagħmilha prattikament impossibbli għal investitur potenzjali li bi ħsiebu jsegwi strateġija industrijali differenti biex jirbaħ l-offerta sempliċiment billi joffri l-ogħla prezz titqies kondizzjonali. Il-Kummissjoni mhux biss se tivvaluta l-kundizzjonijiet espressament imsemmija fl-offerta iżda se tħares ukoll lejn kundizzjonijiet *de facto*.

Sabiex jiġu evitati implikazzjonijiet ta' għajnuna mill-Istat, il-kondizzjonijiet (espressi jew *de facto*) relatati mal-privatizzazzjoni għandhom ikunu ta' tali natura li **x-xerrejja potenzjali kollha jkunu jistgħu jilħquhom u m'għandhomx ikunu responsabbli li jwasslu għal prezz tal-bejgħ iktar baxx.**

F'*Automobile Craiova* (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C 46/2007), ir-Rumanija ehmżet kondizzjonijiet mal-privatizzazzjoni ta' kumpanija fil-forma ta' kriterji tal-għotja, bħaż-żamma ta' livell ta' integrazzjoni tal-produzzjoni u l-ilħuq ta' ċertu livell ta' produzzjoni. Wara l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni kkonkludiet li "*l-kundizzjonijiet mehmuża [...] naqqsu l-prezz tal-bejgħ u skuraġġew lill-offerenti potenzjali l-oħra milli jissottomettu offerta. Bħala riżultat, l-Istat tilef dħul mill-privatizzazzjoni*".

Ukoll, fid-Deċiżjoni 1999/720/KE dwar il-miżuri mogħtija mill-Ġermanja lil *Gröditzer Stahlwerke*, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-proċedura tal-privatizzazzjoni tal-kumpanija ma kinitx inkondizzjonali. Il-partijiet interessati ntalbu jissottomettu pjan tan-negozju li fih kellhom iressqu impenji dettaljati rigward impjiegi li għandhom jinħolqu jew jiġu salvati, investiment futur u finanzjament. Il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha nnutat li l-impenji imposti finalment influwenzaw il-prezz tax-xiri nnegozjat. Bħala riżultat, ikkonkludiet li kien hemm għajnuna mill-Istat inkompatibbli u ordnat l-irkupru.

Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tagħha fuq il-privatizzazzjoni ta' *Tractorul* (C 41/2007) sabet li l-kundizzjonijiet marbuta mas-sejħa għall-offerti kienu klawsoli sempliċi għall-aħjar rendiment ta' natura li ma jorbtux, li ma skuraġġewx lill-offerenti potenzjali u ma naqqsux il-prezz.

Il-konformità mar-regoli u l-prinċipji tal-għajnuna mill-Istat fil-proċessi tal-privatizzazzjoni, b'mod partikolari billi s-sejħiet għall-offerti kompetittivi jkunu miftuħa għal kulħadd, trasparenti u mingħajr kundizzjonijiet, se tiżgura li l-ebda għajnuna ma tkun preżenti u l-istrateġija għall-privatizzazzjonijiet tkun li jiżdied id-dħul.

Fil-każ speċjali ta' **bejgħ kkaratterizzat minn prezz negattiv** (eż. inkluż fejn l-Istat jinvesti aktar sabiex jipprepara għall-bejgħ tal-kumpanija mir-rikavat miksub mill-privatizzazzjoni), għandu jiġi nnutat li sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti u mingħajr kundizzjonijiet fiha

nifsha mhux biżżejjed sabiex tiġi eskluża għajnuna mill-Istat. F'dan il-każ, il-prezz negattiv xorta jrid jiġi mqabbel mar-riżultat ta' likwidazzjoni (jew falliment) ta' SOE sabiex jiġi żgurat li l-Istat għażel l-aktar għażla ekonomikament razzjonali u jkun minimizzat it-telf.

Għall-bejgħ ta' artijet u bini pubbliċi, meta l-awtoritajiet pubbliċi ma jkunx beħsiebhom iegwu l-proċedura ta' irkant mhux kondizzjonat, teżisti wkoll il-possibbiltà li jiġi stabbilit il-valur tas-suq tal-assi mibjugħa permezz ta' valutazzjoni mwettqa minn assessur tal-assi indipendenti wieħed jew aktar qabel in-negozjati tal-bejgħ fuq il-bażi ta' indikaturi u standards ta' valutazzjoni ġeneralment aċċettati fis-suq[26].

Ma jistax jiġi eskluż li proċedura oħra għajr bejgħ tal-ishma fil-borża jew sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti u mingħajr kundizzjonijiet tista' madankollu tiggarantixxi li l-MEVP ikun rispettat u li m'hemm ebda vantaġġ. Jekk dan ikun il-każ, il-Kummissjoni tikkonkludi li ma hemm ebda għajnuna mill-Istat. Sabiex jiġi żgurat li ma kien ebda għajnuna lix-xerrej u/jew lill-kumpanija, l-Istat Membru jeħtieġ li jiżgura li l-aqwa għażla legali biex jiġi massimizzat il-profitt tiġi segwita u li alternattivi oħra ma jkunux daqshekk tajba.

## 6. KONKLUŻJONIJIET

- Sabiex jiġi salvagwardjat is-suq intern, huwa essenzjali li jiġi **żgurat ir-rispett tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat** fiċ-ċirkostanzi kollha[27]. Dan huwa obbligu taħt it-TFUE għall-Istati Membri kollha.

- L-Istati Membri huma mħeġġa ferm biex jużaw il-**proċedura ta' prenotifika** għall-għajnuna mill-Istat kollha li bi ħsiebhom jagħtu lil SOE. Din il-proċedura tista' tintuża wkoll biex wieħed jieħu pariri dwar jekk miżura partikolari tinvolvix għajnuna mill-Istat jew le.

- Jekk notifika tkun meħtieġa, l-Istati Membri huma meħtieġa li jissottomettu notifiki kemm jista' jkun kompluti u dettaljati. M'għandha tkun implimentata ebda għajnuna mill-Istat sakemm il-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni li tawtorizzaha (l-obbligu ta' waqfien totali).

- Għat-tipi kollha ta' privatizzazzjonijiet, inkluż il-bejgħ ta' art u bini, il-Kummissjoni tinkoraġġixxi bil-qawwa lill-Istati Membri biex jagħmlu sejħiet għall-**offerti kompetittivi** u meta possibbli jsegwu l-aħjar prattiċi ta' IPOs jew bejgħ tal-ishma fil-borża. Dan jiżgura approċċ li jimmassimizza d-dħul mill-privatizzazzjonijiet u ċertezza legali sal-punt massimu possibbli.

- Fejn ikunu previsti privatizzazzjonijiet fuq skala kbira, l-Istati Membri huma mħeġġa bil-qawwa li jistabbilixxu strateġija globali dwar SOE (biex jiġu privatizzati jew le, biex jiġu ristrutturati jew le) mill-aktar fis possibbli, li tinvolvi l-livelli kollha meħtieġa tal-amministrazzjoni pubblika. Dan se jippermetti għall-identifikazzjoni bikrija ta' każijiet potenzjalment problematiċi minn perspettiva ta' għajnuna mill-Istat. Għandhom ukoll jikkunsidraw li jistabbilixxu **punt ta' kuntatt ċentrali** għal kwistjonijiet relatati mal-

---

26 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar elementi ta' għajnuna mill-Istat fil-bejgħ ta' artijiet u bini minn awtoritajiet pubbliċi, GU C 209, 10.7.1997, p. 3.

27 Il-konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-istat hija mingħajr preġudizzju għall-obbligu biex ikun hemm konformità mar-regoli rilevanti l-oħra tal-UE, inkluż ir-regoli tas-suq intern.

għajnuna mill-Istat u SOE biex jiffaċilita l-komunikazzjoni mal-Kummissjoni u l-amministrazzjoni effikaċji ta' għajnuna mill-Istat.